MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 238/2014

**Emanuel AZZOPARDI [K.I. Nru. 189670M]**

**Vs**

**Joseph SAMMUT**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-7 ta' April, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' tlett mitt euro [€300] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Tghid ghaliex inti m'ghandekx tiġi kkundannat thallas lill-attur l-ammont ta' tlett mitt Ewro [€300] bhala hlas ghax-xoghol ta' barman li kien ghamel fuq inkarigu tieghek f'Dicembru 2012.

> Bl-ispejjez ta’ dan l-Avviz u tal-ittra bonarja lilu mibghuta fit-18 ta’ Ottubru, 2013 u bl-imghaxijiet legali minn Dicembru 2012, sal-hlas eventwali kollu, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni”.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fil-11 ta’ April, 2014 u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra li Frank Cassar ddikjara li r-rikorrenti ma kellhux provi aktar xi jressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 u 13 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Emanuel Azzopardi li kkonferma li l-intimat ghad fadallhu jhallsu s-somma ta’ €300.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta’ €300 rapprezentanti din is-somma hlas ghax-xoghol ta’ barman li kien ghamel fuq inkarigu ta’ l-istess intimat tul ix-xahar ta’ Dicembru, 2012.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed illum stess li l-ammont minnu reklamat ta' tlett mitt euro [€300] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat. Dan l-ammont ikopri xoghol li huwa ghamel fuq inkarigu tieghu tul ix-xahar ta' Dicembru, 2012.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat fil-11 ta' April, 2014 u baqa ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnu ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mitt euro [€300] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

   L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------